**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT: Dr A. Micallef Trigona LL.D, MAG JUR (EU LAW)**

**SEDUTA ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar 2002**

Citazz. Nru 174/99

Joseph Galea

vs

Anton u Bella mizzewgin Cassar u Anthony u Giuseppa mizzewgin Cassar

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attur li ippremetta:

"illi kien halla f'idejn il-konvenuti bhala depositarji diversi oggetti mobbli proprjeta tieghu waqt illi kien imsiefer, liema oggetti kienu gew deskritti fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 414/94 u li jinsabu mizmuma f'garage li jaghmel mad-dar tal-konvenuti Anthony u Giuseppa mizzewgin Cassar;

illi kien ukoll halla f'idejn il-konvenut bhala depositarji Anton u Bella mizzewgin Cassar dghajsa registrata bin-numru 4744S u karozza "Alfa Sprint" numru tar-registrazzjoni H5591, proprjeta ta' l-attur, u dan waqt li kien imsiefer, u l-istess konvenuti Anton u Bella mizzewgin Cassar klandestinament u bi frode konvertew l-istess dghajsa u karozza fuq imsemmija ghal beneficju taghhom u iddisponew minnhom;

illi kien halla lill-konvenut Anton Cassar bhala mandatarju tieghu sabiex jamministra fost affarjiet ohra l-flus tieghu li kienu depositati fil-kont tieghu ma' bank lokali, u nonostante l-opposizzjoni ta' l-attur, gibed l-ammont ta' Lm5000 mill-imsemmi kont bankarju u hallas dan l-ammont lill-terzi meta dan l-ammont ma kienx dovut u ghadu sallum mhux dovut, u ghamel dan b'abbuz tal-prokura lilu moghti;

TALAB ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1 tikkundanna lill-konvenuti kollha jew minn minhom jinsab responsabbli biex jirritornaw l-imsemmija oggetti mobbli, dghajsa u karozza fi zmien qasir fi stat tajjeb u l-imsemmi ammont ta’ Lm5000 zmien perentorju li jigi prefiss lilhom;

2 tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom jinsab responsabbli skond l-ewwel talba li fin-nuqqas li jonqsu jottemperaw ruhhom illi jirritornaw dawn l-oggetti imsemmija jew mhux fi stat tajjeb jew jonqsu minhabba xi raguni ohra jhalsu lill-attur d-danni li jigu likwidati minn dina l-Qorti konsistenti fil-valur tal-oggetti li ma jigux konsenjati fit-terminu prefiss skond l-ewwel talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-9 ta’ Jannar 1995 u tat-3 ta’ Settembru 1999 u ta’ l-imsemmi mandat ta’ deskrizzjoni numru 414/94.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony u Giuseppa konjugi Cassar fejn eccepew:

1. preliminarjament l-irregolarita tan-notifika tac-citazzjoni stante li Anton u Bella konjugi Cassar ma jirrisjedux fil-fond 43, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, u kull ma giet notifikata kienet biss kopja wahda tac-citazzjoni lil Giuseppa Cassar. Ic-citazzjoni ghalhekk ma gietx regolarment notifikata lill-partijiet kollha;

2. fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-attur irid jipprova li huwa ghandu l-jedd esklussiv ghall-oggetti imsemmija fil-mandat ta’ deskrizzjoni 414/94 u hadd izjed hliefu;

3. l-eccipjenti m’humiex jirrifjutaw li l-attur jiehu l-oggetti imsemmija fil-mandat kemm-il darba jippruva li huma tieghu u tieghu biss billi l-attur qieghed jagixxi f’din il-kawza f’ismu personali u ghan-nom ta’ hadd aktar u wara li jigi likwidat u mhallas mill-istess attur kumpens gust taz-zmien li l-istess oggetti damu depositati f’idejn l-eccipjenti u fil-proprjeta’ taghhom.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar fejn eccepew:

1. fl-ewwel lok li l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma huwiex moghti lill-attur id-dritt li jagixxi dwar hwejjeg u oggetti li jappartjenu lill-ormai xolta komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu Maria Assunta maghrufa bhala Sonia Galea minghajr l-intervent u adezjoni ta' l-imsemmija Maria Assunta sive Sonia Galea;

2. minghajr pregudizzju ghall-premess, Bella Cassar ma hijiex il-legittima kontradittrici ta' l-attur ghaliex fil-mument illi l-attur allegatament fada l-oggetti tieghu lill-konvenuti l-ohra hija lanqas biss kienet mizzewga lill-Anthony Cassar u ma kellha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur;

3. minghajr pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini ta' l-artikolu 2156 u 2157 tal-Kodici Civili;

4. wkoll bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-konfront ta' l-eccipjenti fid-dritt u fil-fatt in kwantu fl-ewwel lok mhuwiex veru illi l-esponenti ircevew minghand l-attur xi oggetti kwalsiasi bhala depositarji;

5. lanqas huwa veru illi l-esponenti ikkonvertew ghall-uzu taghhom xi oggetti proprjeta ta' l-attur afdati f'idejhom jew halsu lil xi hadd xi ammont minn xi flus ta' l-attur illi ma kienx dovut lil min irceva il-pagament.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-fatti rispettivi debitament guramentati u l-lista tax-xhieda;

Rat il-verbal tal-20 ta' April 2001 u l-verbali sussegwenti fejn il-kawza thalliet ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Anton Cassar;

Rat in-noti ta' l-osservazjonijiet tal-attur u l-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar.

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni in meritu fuq il-bazi ta' liema l-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar qeghdin jitolbu l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju titratta l-jedd tal-attur li jipproponi l-kawza wahdu minghajr il-partecipazzjoni ta' martu trattandosi l-kawza "dwar hwejjeg u oggetti illi jappartjenu lil ormai xolta komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu Maria Assunta maghrufa bhala Sonia". Din l-eccezzjoni sostanzjalment giet ukoll ventilata mill-konvenuti l-ohra Anthony u Giuseppa konjugi

Cassar. Succintament l-eccezzjoni titratta dwar l-estensjoni tal-kapacita ta' l-attur li jazzjona wahdu ghall-oggetti formanti jew gja formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u martu u mhux gja likwidata fit-termini ta' l-artikolu 1322 tal-Kodici Civili. Din hi l-eccezzjoni li ser tigi trattata u deciza permezz ta' dan il-gudikat.

L-imsemmi artikolu 1322 jittratta l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u jiddistingwi bejn zewg kwalitajiet ta' amministrazzjoni: dik ordinarja fejn il-jedd ta' amministrazzjoni kompriz il-jedd li jharek jew jigi mharrek hi mhollija lil kull wahda mill-partijiet mizzewga, u dik ta' l-amministrazzjoni straordinarja fejn il-jedd hu ezercitabbli miz-zewg mizzewgin flimkien.

L-attur jghid li l-pretensjonijiet avanzati minnu huma ta' ripussess ta' proprjeta u interessi tal-komunjoni tal-akkwisti 'sic et simpliciter' u kwindi jaqghu taht il-kap ta' amministrazzjoni ordinarja, ergo ta' kompetenza li jigu azzjonati minnu minghajr il-htiega tal-partecipazzjoni jew l-intervent ta' martu. Ovvjament ghall-konvenuti dan mhux il-kaz u jsostnu li t-talbiet avanzati mill-attur joltrepassaw il-limiti ta' amministrazzjoni ordinarja kwindi jaqaw fl-ambitu ta' amministrazzjoni straordinarja, ergo azzjonabbli biss miz-zewg mizzewgin flimkien.

Illi is-subartikolu 3 tac-citat artikolu 1322 jelenka dawk l-atti li huma ta' amministrazzjoni straordinarja li, kif korrettement sostnut mill-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, huwa elenku tassattiv, u jinghad oltre ta' interpretazzjoni restrittiva stante li jmoru kontra l-generalita tas-sub-artikolu 1 (ara sentenza riportata fil-Vol. LXXXII, pt.II, pg 963).

Illi ghalhekk ghad-determinazzjoni ta' dina l-eccezzjoni jehtieg li l-Qorti tezamina u tanalizza t-termini precizi tac-citazzjoni u okkorrendo x-xhieda pprezentata permezz ta' affidavit mill-attur bl-iskop li tezamina jekk xi pretensjoni taqax u hiex involuta f'xi wiehed mill-atti elenkati mis-subinciz (a) sa (m) tac-citat artikolu 1322.

Illi hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-fundament guridiku fuq liema hi bazata l-azzjoni tal-attur hu l-kuntratt ta' mandat u depositu koncernanti hwejjeg li verament jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti izda li mhux prekluz lil xi wiehed mill-konjugi li iharrek dwarhom. Difatti kemm mic-citazzjoni u x-xhieda tal-attur ghandu jirrizulta li huwa qieghed jilob ghar-ritorn ta' oggetti mobbli, dghajsa u karozza li kienu detenuti f'isem il-komunjoni ta' l-akkwisti minm min mill-konvenuti u r-rifusjoni ta' ammont ta' Lm5000 allegatament imhalsa indebitament minn min mill-konvenuti. Fi kliem iehor mhux qeghdha tirriavvisa ebda att li prettament jaqa' f'dawk l-atti elenkati fis-subartikolu 3 tal-artikolu 1322 tal-Kap 16.

Ghaldaqstant qeghdha tiddisponi minn dina l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Anton u Bella konjugi Cassar billi tichada bl-ispejjes riservati ghall-gudizzju finali.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur